Kumpilazzjoni Numru: 240/06

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 8 ta' Marzu 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs.**
**Michael Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Michael Mifsud, ta' 20 sena, bin Francis u Maria Dolores nee' Curmi, imwieled Pieta' nhar is-06.12.1985 u residenti 'Golden Eagle', Trejqet San Frangisk, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12286(M)

Akkuzat talli:

1. F'Hal-Luqa, bejn it-18 u id-19 ta' Settembru 2005, ikkommetta serq ta' diversi oggetti mir-residenza bl-isem ta' 'Josmite', li hija sitwata fi Triq Guzeppi Ellul, Hal-Luqa, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi Lm1000, u dan sar ghad-detriment ta' Alexander Busuttil minn Hal-Luqa;

2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-Lm50, u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Alexander Busuttil minn Hal-Luqa.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 8 ta' Frar, 2007 (fol 99 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 325, 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2009 (fol. 96 tal-process) l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet:

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-lejl bejn it-18 u d-19 ta' Settembru 2005 sar serq mir-residenza bl-isem ta' "Josmite", fi Triq Guzeppi Ellul Hal-Luqa.
2. Din ir-residenza kienet ta' Alexander Busuttil li f'dawk il-granet, inkluz il-gurnata li fiha saret is-serqa, kien imsiefer mal-familjari tieghu, u ghalhekk ir-residenza kienet vojta.
3. Is-serqa saret billi tkissret tieqa mal-genb tal-garage li jinfed ghal god-dar. Matul is-serqa gew imkissra zewg twieqi u bieb tal-aluminium u shower cubicle. Insterqu diversi affarijiet inkluz deheb u flixken tax-xorb alkoholiku.[1]

[1] Ara xhieda ta' Alexander Busuttil a fol. 6 *et seq.* tal-process u l-elenku tal-affarijiet misruqa u mkissra li ezebixxa bhala Dok AB1 a fol. 14 tal-process.

4. Peress li d-dar kienet assigurata, GasanMamo Insurance Ltd hallsu lil Alexander Busuttil is-soma ta' Lm3685.00, ghas-saldu tad-danni kollha sofferti minnu konsegwenza ta' din is-serqa.[2]
5. Wara investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, huma istitwew dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat li fihom qed jakkuzawh li kkommetta din is-serqa.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-meritu.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

Fix-xhieda tieghu, Alexander Busuttil kien kategoriku li lill-imputat ma jafux u li qatt ma dahhal lill-imputat fid-dar tieghu bil-volonta tieghu.

Anke Karmenu Busuttil, missier Alexander Busuttil, u li kellu access ghad-dar tal-istess Alexander, xehed li lill-imputat ma jafux.

Waqt l-investigazzjoni, l-Pulizija elevat xi lifters li kien fihom impronti digitali minn fuq flixkun tal-gin li nstab fid-dar derubata, li gew ezebiti fil-process.

[2] Ara Dok KC a fol. 86 u x-xhieda ta' Kurt Caruana a fol. 84-85 tal-process.

Din il-Qorti hatret lil Joseph Mallia bhala espert tal-impronti digitali, u ordnatlu sabiex jeleva l-marki tal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn l-imputat u jikkumparahom mal-impronti digitali fil-lifters ezebiti mill-Prosekuzzjoni.[3]

Fir-rapport tieghu,[4] Joseph Mallia, wara li ghamel dan l-ezami komparattiv, ikkonkluda hekk:
*"a. Illi l-impronti li jidhru fuq il-lifter document 005CYS 301 jaqblu u ghalhekk huma identici mall-marka tas-saba' tan-nofs u s-saba tac-curkett ta' l-id ix-xellugija ta' Michael Mifsud ... ...*

*b. Illi l-impronta digitali li hija tajba ghal fini ta' komparazzjoni u li tidher fuq il-lifter dokument 05 CYS 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba' l-kbir ta' id ix-xellugija ta' Michael Mifsud ... ..."*

Ghalhekk l-unika prova tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri kontra l-imputat, huma l-impronti digitali tieghu li nstabu fuq flixkun tal-gin li kien fir-residenza derubata. Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li din il-prova wahedha ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjest fi proceduri kriminali, sabiex tipprova li kien l-imputat li wettaq is-serqa in kwistjoni, ghaliex ladarba l-impronti digitali instabu fuq oggett mobbli zghir – flixkun tal-gin - li kulhadd seta' jdahhal fir-residenza, allura kellu jkollu xi forma ta' "korroborazzjoni".

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:
*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *(1973) AC 729, p. 758 "works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta, tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna lil lilha tapprjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u*

[3] Ara fol. 42 tal-process.
[4] Ezebit bhala Dok JM a fol. 69 tal-process.
[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank, ftit li xen tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero, jekk l-impronta tinstab fuq il-bieb tal-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrzultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb."*

Din is-sentenza ta' **Noel Frendo** titratta impronti digitali misjuba fuq oggetti mobbli zghar misruqa minn hanut. Kien hemm zewg impronti fuq kaxxi tal-Parker u impronta fuq pakkett tat-tabakk tal-pipa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Dawn instabu fuq oggetti li kienu jew spustjati minn posthom u mqeghda f'kaxxa tal-kartun quddiem il-counter tal-hanut, presumibilment lesti biex jittiehdu 'l barra mill-hanut minn min poggihom f'dik il-kaxxa ... ... Dawn kjarament gew spustati mill-halliel jew hallelin, u kienu jikkonsistu f'oggetti, li skond l-istqarrija tal-appellant lill-pulizija, huwa ma kellu ebda interess fihom. Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustjathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni."*

Fl-istess sens, hu l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**, deciza fis-17 ta' Settembru 2008. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkwotat b'approvazzjoni s-segwenti awturi Inglizi:
*"**Blackstones** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) pagna 2311 – 2312) jghid testwalment hekk:*
*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."*

*Illi l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348) jghid:*

6 *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*"A person may be identified by fingerprints alone." :* ***R. v. Castleton****, 3 Cr. App. R 74 CCA".*

Fis-sentenza ta' **Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid illi *"Prova indizzjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija. ... ...*

*Fil-process kriminali, fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b'xi prova li tahgmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x'aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f'dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjonijiet jilhqu l-grad tal-probabbli.*

*Il-grad tal-possibbli la hu utili ghall-prosekuzzjoni u lanqas ghad-difiza."*

Issa fil-kaz odjern, ghalkemm l-imputat ma kien obbligat li jipprova xejn u fil-fatt – kif kellu dritt – ma xehedx biex jispjega kif tlett swaba tieghu hallew diversi l-impronti digitali taghhom fuq flixkun tal-gin li kien jinsab fir-residenza li giet derubata, mill-banda l-ohra ma ressaq l-ebda spjegazzjoni plawsibbli, tramite s-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tieghu, biex jikkonvinci lil din il-Qorti sal-grad tal-probabbli li dawk l-impronti saru minnu innocentement. Kif diga' inghad, is-sottomissjoni tad-difiza li impronti digitali li jinstabu fuq oggett mobbli zghir iridu xi forma ta' "korroborazzjoni" ma ssib l-ebda komfort fil-kazistika. Fil-kors normali tal-hajja, halliel li jisgassa tieqa ta' garage biex jidhol f'dar, iqalleb kullimkien u jisraq ammont konsiderevoli ta' affarijiet ma jkunx xurban u, fi kwalunkwe kaz lanqas idahhal flixkun gin mieghu, li minnu kien qed jixrob ftit tal-hin qabel ma' haddiehor, - ipotezi ipprospettata bhala <u>possibbli</u> mid-difiza fit-trattazzjoni orali.

L-imputat ma kellu l-ebda forma ta' relazzjoni mar-residenza derubata. La id-derubat u lanqas missieru ma jafuh u lanqas jirrizulta mill-provi li qatt dahal fir-residenza tad-derubat bil-volonta tad-derubat. Ghalhekk ma hemm l-ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marki tas-swaba tieghu kellhom jinstabu fuq flixkun tal-gin li kien jinsab fid-dar derubata.

Huwa sinifikanti ukoll, li mix-xhieda tad-derubat Alexander Busuttil jirrizulta li nsterqu diversi flixken ta' xorb alkaholiku ta' diversi tipi, pero ma nsteraqx ix-xorb alkoholiku kollu.[7]

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ppruvat lill'hin minn kull dubbju dettat mir-raguni l-impronti digitali tal-imputat fuq il-flixkun tal-gin li kien hemm fir-residenza derubata torbtu mas-serqa, ghax ma l-imputat qatt ma kellu kuntatt ma' dik ir-residenza jew in-nies li jghixu fiha, u kienx lanqas probabbli, li hu jhalli l-marka tieghu fuq flixkun gin li kien f'dik ir-residenza b'mod innocenti jew b'kumbinazzjoni.

Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghalkemm meta nbdew dawn il-proceduri, l-imputat kellu fedina netta, mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa ghandu hames kundanni minn dawn il-Qrati, ghal tmintax (18) –il serqa aggravati anke bil-vjolenza, sekwestru ta' persuni u heddidhom bil-mewt bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus u waqt li kellu fuqu arma tan-nar, zewg kazijiet ta' sekwestu ta' persuna, diversi kazijiet ta' hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor, bidel it-tarek ta' registrazzjoni ta' vettura, saq diversi vetturi minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni, hebb kontra l-pulizija, li kkaguna feriti hfief fuq pulizija, li kkaguna ferita gravi fuq pulizija, li spara arma tan-nar f'post pubbliku, u zewg kazijiet kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja.

Kif osserva tajjeb l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni tieghu, is-serqa mertu tal-proceduri odjerni kienet wahda minn tal-bidu tal-hajja kriminali li ghogbu jaqbad l-imputat. Lanqas jidher li l-imputat ipprova jirriforma ruhu wara li inghata sentenza ta' habs sospiza minn dawn il-Qrati, izda baqa' jippersisti fil-hajja raffrettarja li kien qabad u spicca b'diversi kundanni ta' habs effettiv. Huwa ovvju li l-imputat la ghandu rispett lejn il-ligijiet tal-pajjiz u lanqas lejn is-socjeta. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea hija dik ta' habs effettiv.

[7] Ara xhieda ta' Alexander Busuttil a fol. 11 tal-process u dokument minnu ezebit bhala AB1 a fol. 14 tal-process.

Pero ghall-fini ta' piena, l-Qorti tqis it-tieni imputazzjoni u cioe dik ta' dannu volontarju kompriza fl-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat, stante li serviet bhala mezz ghal fini ta' serq u dan ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Is-socjeta GasanMamo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Alexander Busuttil talbet, li f'kaz ta' sejbien ta' htija, l-imputat jigi ikkundannat ihallasha l-ammont ta' LM3,685.00, li hi hallset lid-derubat, u dan skond dak li hemm dispost fl-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[8] Ladarba din il-Qorti mhux se taghti lil hati sentenza ta' prigunerija sospiza, hija ma tistghax taghmel ordni taht l-imsemmi Artikolu 28(H). In oltre, din il-Qorti ma tistax tordna lill-imputat ihallas dan l-ammont taht l-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, stante li dan l-artikolu gie mizjud wara d-data li fiha gew kommessi ir-reati in kwistjoni.

Mill-provi jirrizulta li l-ammont ta' danni li saru kien jammonta ghal circa LM519.00,[9] u tenut kont li is-socjeta assiguratrici hallset lid-derubat l-ammont ta' LM3,685.00, dan ifisser li l-ammont ta' hwejjeg misruqa jammonta ghal madwar LM3000.00.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawk l-artikoli u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' tletin (30) xahar.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u sitt Euro u tmenin centezmu (€406.80) – ekwivalenti ghal mija u erba' u sebghin Lira Maltija u erba' u sittin centezmu (Lm174.64) - li ghandhom jithallsu mhux aktar tard minn zmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti

[8] Ara fol. 101 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Alexander Busuttil u Dok AB ezebit a fol. 13 tal-process.

minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi priguneriija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**